

31991R1176

L 114/27

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.5.1991

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1176/91
tas-6 ta' Mejju 1991
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u statistika ta' nomenklatura u t-Tariffa Komuni Doganali ⁽¹⁾, kif ġiet l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 315/91 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti li għalihom jirreferi l-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (EEC) Nru 2658/87 jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bażata fuqha kollha kemm hi jew parti minnha jew li jżidu subdiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, biex tiġi applikata t-tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodifiki NM xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklaturi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodifiki NM xierqa indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-ppublikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-6 ta' Mejju 1991.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 37, tad-9.2.1991, p. 24.

ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni tal-Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Sett ta' żewġ biċċiet ta' ħwejjeġ impoġġija għal bejgħ bl-imnut magħmul minn: (a) biċċa ħwejjeġ ħafifa meħjuta (100 % qoton) stampata b' disinn ta' ħafna kuluri ta' motifi intenzjonati biex jgħattu l-parti ta' fuq tal-ġisem, bi kmiem twal u dawra tal-għonq issikkata li tiftaħ parzjalment fuq quddiem u li tinqafel bil-buttuni mil-lemin għax-xellug. Din il-biċċa ħwejjeġ hija kustiljata fid-dawra tal-għonq, fit-truf tal-kmiem u isfel, bl-istess kulur tal-qalziet; (b) qalziet bi drapp ħafif (100 % qoton) ta' kulur wieħed, b'tul mill-qadd 'l isfel sal-irkupptejn, mingħajr fetħa fil-qadd. Din il-biċċa ħwejjeġ hija ssikkata mal-qadd bil-lakstuwa u hija kustiljata fit-truf tal-qliezi tal-qalziet. (ara ritratt Nru 446) (*)	6108 31 90	Il-klassifikazzjoni hija determinata minn dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda kif ukoll il-kliem tal-kodiċi NM 6108, 6108 31 u 6108 31 90. Jekk tqis id-dehra ġenerali tal-biċċiet tal-ħwejjeġ u l-ħeffa tad-drapp, dan is-sett għandu jitqies bħala piġama.
2. Set ta' żewġ biċċiet ta' ħwejjeġ impoġġija għal bejgħ bl-imnut magħmul minn: (a) biċċa ħwejjeġ ħafifa meħjuta (100 % qoton) f'żewġ kuluri (irrigati), maħsuba biex tgħatti il-biċċa ta' fuq tal-ġisem, bi kmiem twal u dawra tal-għonq mhux issikkata li mhix miftuħa. Din il-biċċa ħwejjeġ hija kustiljata fid-dawra tal-għonq, fit-truf tal-kmiem u isfel, kif ukoll b'dekorazzjoni applikata fuq quddiem; (b) qalziet magħmul mill-istess tip ta' drapp b'tul mill-qadd 'l isfel sal-irkupptejn, mingħajr fetħa fil-qadd. Din il-biċċa ħwejjeġ hija ssikkata mal-qadd bil-lakstuwa u hija kustiljata fit-truf tal-qliezi tal-qalziet. (ara ritratt Nru 464) (*)	6108 31 90	Il-klassifikazzjoni hija determinata minn dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, nota 8 ta' Kapitolu 61 kif ukoll il-kliem tal-kodiċi NM 6108, 6108 31 u 6108 31 90. Jekk tqis id-dehra ġenerali tal-biċċiet ħwejjeġ u l-ħeffa tad-drapp, dan is-sett għandu jitqies bħala piġama.
3. Biċċa ħwejjeġ ħafifa magħmula minn żewġ biċċiet drapp minsuġa ta' kuluri differenti (100 % qoton), maħsuba biex tgħatti l-parti ta' fuq tal-ġisem, ta' qata' dritta, bid-dawra tal-għonq issikkata, żewġ t'ibwiet fil-livell tas-sider u beritta b'żigarella. Din il-biċċa ħwejjeġ għandha fetħa fuq quddiem it-tul kollu tagħha bil-buttuna li tagħlaq mix-xellug għal-lemin; it-truf tal-kmiem u l-buttuna huma mberfla (<i>leisure shirt</i>). (ara ritratt Nru 462) (*)	6205 20 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata minn dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, kif ukoll il-kliem tal-kodiċi NM 6205, u 6205 20 00. Ara wkoll in-nota ta' spjegazzjoni għas-sistema armonizzata għall-intestatura 6205.
4. Biċċa ħwejjeġ ħafifa (100 % qoton), maħsuba biex tgħatti l-parti ta' fuq tal-ġisem, ta' qata' dritta, bid-dawra tal-għonq issikkata, żewġ t'ibwiet fil-livell tas-sider u beritta b'qafra. Din il-biċċa ħwejjeġ għandha fetħa fuq quddiem it-tul kollu tagħha bil-buttuna li tagħlaq mix-xellug għal-lemin. Għandha wkoll dekorazzjonijiet fuq il-bwiet kif ukoll stampata fuq wara; il-buttuna hija mberfla (<i>leisure shirt</i>). (ara ritratt Nru 463) (*)	6205 20 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata minn dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif ukoll il-kliem tal-kodiċi NM 6205, u 6205 20 00. Ara wkoll in-nota ta' spjegazzjoni għas-sistema armonizzata għall-intestatura 6205.

(*) Dawn ir-ritratti huma biss għall-informazzjoni.

